# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 623.08

## REGOLAMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAS-SITI TAL-KOSTRUZZJONI

16 ta’ Diċembru, 2022

*L-AVVIŻ LEGALI 340 tal-2022, kif emendat bl-Avviż Legali 142 tal-2023.*

TAQSIMA I
Preliminari

**1.** It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni. Titolu.

**2.** L-għan ta’ dawn ir-regolamenti hu li jillimitaw id-degradazzjoni ambjentali permezz ta’ prattiċi xierqa ta’ ġestjoni tal-kostruzzjoni li jikkawżaw l-inqas inkonvenjenza lill-ġirien, li jiġi mminimizzat ir-riskju ta’ dannu lill-pubbliku, li jipproteġu l-proprjetà li tappartjeni lill-Gvern u lill-kunsilli lokali, u kemm jista’ jkun possibbli jnaqqsu l-ħsara lill-ambjent. Dawn ir-regolamenti m’għandhom ikollhom l-ebda konsegwenza fuq ir-responsabbilitajiet li jirrigwardaw siti ta’ kostruzzjoni li ġejjin minn strumenti leġislattivi oħrajn. Għan.

**3.** F’dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort’oħra: Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni; Kap. 623.

"avviż tal-infurzar" tfisser l-istess bħat-tifsira kif mogħtija lilha fit-Taqsima VI tal-Att;

"Awtorità" tfisser l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni stabbilita skont l-artikolu 5 tal-Att u tinkludi kwalunkwe korp jew persuna oħra li taġixxi f’isem l-Awtorità bis-saħħa tas-setgħat delegati mill-Awtorità taħt l-Att, u l-Ministru jista’, b’ordni fil-Gazzetta, jaħtar korpi jew persuni differenti bħala awtorità kompetenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta’ l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

"bini" tfisser kwalunkwe struttura li tinħoloq minn proċess ta’ xogħlijiet;

"emerġenza" tfisser sitwazzjoni mhux mistennija, jew okkorrenza f’daqqa mhux prevista li tirrikjedi azzjoni immedjata sabiex tipproteġi l-ħajjiet u, jew il-propjeta’ u, jew l-għajxien ekonomiku;

"impronta" tfisser l-ispazju kontenut fi ħdan il-ħitan esterni ta’ bini fil-livelli kollha, inkluz btieħi interni, xaftijiet,

terrazzini jew btieħi totalment magħluqa jew imdawra bil-bini, iżda esklużi terrazzini, btieħi ta' wara, btieħi mhux totalment magħluqa jew imdawra bil-bini;

"klijent" tfisser l-istess bħat-tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att;

"kuntrattur" tfisser l-istess bħat-tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att;

"manager tas-sit" tfisser persuna li twettaq id-dmir jew dmirijiet skont dawn ir-regolamenti. Tali persuna għandha tiġi nominata minn u tkun responsabbli għan-nom tas-sid sabiex tiżgura l-implimentazzjoni korretta ta' dawn ir-regolamenti. Il-manager tas-sit appuntat jista' jkun wieħed (1) minn dawn li ġejjin:

(a) is-sid innifsu;

L.S. 424.36. (b) is-superviżur tal-proġett kif imfisser fir-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni);

Kap. 390. (ċ) Perit kif definit fl-Att dwar il-Periti; jew

(d) kwalunkwe persuna kompetenti oħra;

"materjal perikoluz" tfisser kwalunkwe oġġett jew aġent (bijoloġiku, kimiku u, jew fiżiku) li għandu l-potenzjal li jikkawża ħsara lill-bnedmin, animali jew l-ambjent jew waħdu jew permezz ta' interazzjoni ma' fatturi oħra;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-industrija tal-kostruzzjoni;

"propjetà privata" tfisser kwalunkwe art, kemm żvillupata jew xort'oħra, jew kwalunkwe struttura permanenti oħra li t-titolu tagħha huwa vestit f'persuna jew entità privata;

"propjetà pubblika" tfisser kwalunkwe post li l-pubbliku għandu aċċess għalih;

"prossimità immedjata" tfisser iż-żona sa tletin (30) metru minn kwalunkwe sit, u tinkludi l-impronta tas-sit in kwistjoni, fejn permezz ta' ġestjoni rregolari ta' sit tal-kostruzzjoni titnaqqas l-importanza soċjali, storika jew ambjentali tas-sit jew żona;

"stekkat" tfisser struttura temporanja li tagħlaq sit ta' kostruzzjoni waqt ix-xogħlijiet sabiex tirrestrinġi l-aċċess u tipprovdi protezzjoni lill-pubbliku;

"sit" tfisser il-post fejn għandhom jiġu eżegwiti x-xogħlijiet u fejn għandhom jintbagħtu t-tagħmir u, jew il-materjali u, jew il-ħaddiema;

"trasgressur" tfisser dik il-persuna jew entità legali li tiġi notifikata b'avviż tal-infurzar, jew kwalunkwe persuna jew entità legali li tikser dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe partijiet minnhom;

"triq" tfisser kwalunkwe triq, kemm privata jew pubblika, u tinkludi kwalunkwe triq, sqaq, pjazza, mogħdija, bankina, pont, xatt il-baħar, passaġġ jew moll;

"xogħlijiet" tfisser ix-xogħlijiet permanenti u x-xogħlijiet temporanji, jew xi wieħed minnhom kif ikun xieraq, u tinkludi xogħlijiet tal-iskavar, tad-demolizzjoni, tal-kostruzzjoni, ix-xogħlijiet ta' servizzi tal-bini u x-xogħlijiet ta' finitura;

"żona turistika" tfisser dawk iż-żoni definiti mill-awtorità kompetenti responsabbli mit-turiżmu bħala żoni turistiċi.

Applikabbilità.

**4.** Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal kwalunkwe xogħlijiet li mhux eżentati taħt is-Sitt Skeda u li jistgħu jidħlu fis-seħħ mill-Ministru in parti jew fl-intier tagħhom u attivitajiet anċillari fuq is-sit.

TAQSIMA II

Kondizzjonijiet Ġenerali

Provvista ta' meters temporanji tad-dawl u l-ilma.

**5.** Sabiex jippermetti l-konformità ma' dawn ir-regolamenti, meters tal-ilma jistgħu jiġu provduti temporanjament, minn operatur liċenzjat ta' network ta' distribuzzjoni pubblika tal-ilma, biss lil siti fejn xogħlijiet f'dak is-sit huma permessi skont l-Att.

TAQSIMA III

Kondizzjonijiet Oħra

L-inqas inkonvenjent għall-ġirien.

**6.** Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet speċifiċi stipulati fi kwalunkwe liġi oħra, kwalunkwe klijent li jwettaq jew jikkommissjona xogħlijiet għandu jiżgura li x-xogħol isir b'tali mod li jikkawża l-inqas inkonvenjent billi jiżgura illi jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Skedi.

Restawr.

**7.** It-toroq kollha jew l-proprjetà pubblika oħra, sa distanza ta' għaxar (10) metri mis-sit, li jiġu danneġġjati b'operazzjonijiet relatati ma' xogħlijiet għandhom jissewwew jew jinbidlu mill-klijent u jinġiebu f'kondizzjoni li hija mill-inqas tajba daqs dik li kienu jinsabu fiha qabel ma saru x-xogħlijiet, u għandhom ukoll jiġu restawrati għall-kondizzjoni oriġinali tagħhom b'materjali simili u skont kwalunkwe regolamenti oħra. Tali limitu m'għandhux jipprekludi

kwalunkwe obbligu ieħor fuq il-klijent li jagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsarat oħra li jestendu lil hinn mid-distanza ta' għaxar (10) metri u li huma ppruvati li huma konsegwenza diretta tal-attività ta' dawk ix-xogħlijiet. Kwalunkwe ostakolu għandu jitneħħa meta l-ħtieġa għat-tali ostakolu, li għandha tinkludi kwalunkwe senjalazzjoni temporanja mqiegħda waqt ix-xogħlijiet, m'għandhiex tibqa' aktar meħtieġa.

Obbligu fuq il-klijent u l-manager tas-sit.

**8.** (1) Il-klijent għandu jkun obbligat li jaħtar manager tas-sit li għandu jkun responsabbli, f'ismu, sabiex jiżgura li s-sit u x-xogħlijiet huma konformi mad-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Qabel ma jibdew kwalunkwe xogħlijiet, il-klijent għandu jissottometti lill-Awtorità:

(a) l-isem tal-manager tas-sit;

(b) in-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tal-manager tas-sit; u

(ċ) dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni debitament iffirmata mill-manager tas-sit illi huwa obbliga ruħu li jaċċetta dan ir-rwol u li huwa qara u fehem id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-manager tas-sit m'għandux ikun intitolat li jassumi kwalunkwe responsabilitajiet assoċjati mal-professjoni ta' Perit kif imfissra fl-Att dwar il-Periti, sakemm il-manager tas-sit li jkun ġie appuntat mhuwiex Perit.

Kap. 390.

(4) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħmel regolamenti speċifiċi biex jinħoloq Reġistru ta' Managers tas-Sit, sabiex jistipula l-kwalifiki tagħhom, Kodiċi ta' Kondotta u programm ta' żvilupp kontinwu.

(5) Fin-nuqqas ta' nomina għall-ħatra ta' manager tas-sit, il-klijent għandu jitqies *ipso facto* bħala l-manager tas-sit għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(6) Fejn il-klijent ikun inbidel minħabba li s-sit nbiegħ, jew għal kwalunkwe raġuni oħra, meta xogħlijiet ikunu għadhom iridu jitwettqu jew ikunu qed jitwettqu l-klijent kurrenti għandu jkollu l-obbligu li jinforma lill-Awtorità billi jimla' l-formola skont is-Seba' Skeda, u li jissottometti l-formula lill-Awtorità fuq is-sit elettoroniku relevanti tagħha. L-istess formola għandha tiġi debitament iffirmata mil-klijent il-ġdid bħala dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni tar-responsabbilitajiet tiegħu bħala l-klijent il-ġdid skont dawn ir-regolamenti. Sakemm l-Awtorità tirċievi t-tali formola, il-klijent kurrenti għandu jinżamm responsabbli għal kwalunkwe kontravenzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(7) Fejn, waqt il-perjodu tax-xogħlijiet, il-manager tas-sit jinbidel għal kwalunkwe raġuni, huwa għandu jkun obbligat li jinforma lill-Awtorità bil-miktub. Sakemm l-Awtorità tirċievi t-tali avviż huwa għandu jibqa' preżunt bħala l-manager tas-sit nominat għas-sit.

(8) Il-manager tas-sit għandu jkun responsabbli, għan-nom tal-klijent, sabiex jiżgura li kwalunkwe permessi, ċertifikazzjonijiet, awtorizzazzjonijiet jew kwalunkwe tali approvazzjonijiet meħtieġa għal kwalunkwe parti tax-xogħlijiet kif meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu maħruġa u li kwalunkwe strutturi temporanji wżata sabiex jiġu mplimentati d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu debitament ċertifikati fir-rigward tas-sigurtà tagħhom.

TAQSIMA IV
Infurzar

**9.** (1) L-Awtorità tista' toħroġ u sservi avviż tal-infurzar fejn ikun hemm ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ewwel u, jew tat-Tieni, u, jew tat-Tielet, u jew tar-Raba' Skedi, u penalitajiet ammistrattivi skont id-Disa' Skeda mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe penali amministrattiva jew ammont li huwa dovut lil Awtorità skont l-Att.

Ksur u penalitajiet ammistrattivi.

(2) L-Awtorità għandha timponi penali amministrattiva kull jum skont id-Disa' Skeda minn l-ewwel ġurnata wara l-perjodu stipulat fl-avviż tal-infurzar li matulu t-trasgressur kien ordnat li jirrimedja s-sitwazzjoni sal-ġurnata li s-sitwazzjoni tkun ġiet effettivament rimedjata.

(3) Kull penalitajiet amministrattivi imposti taħt dan ir-regolament għandhom fil-każijiet kollha jkunu dovuti lill-Awtorità bħala dejn ċivili u fejn trasgressur jokkupa kariga ta' direttur, segretarju jew manager ta' kumpanija għall-benefiċċju ekonomiku għal min il-ksur ġie kommess, tali kumpanija għandha tkun responsabbli *in solidum* għal tali dejn ċivili.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-Att, jew kwalunkwe liġi oħra, kwalunkwe persuna li bi kwalunkwe mezzi li jkunu, tfixkel jew tostakola lil xi uffiċjal tal-awtorità kompetenti mill-eżerċizzju tal-poteri jew funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti, jew tonqos milli tikkonforma ma' xi ordni mogħtija lilha minn uffiċjal tal-awtorità kompetenti, jew tonqos milli tassistih fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu jew tforni lit-tali uffiċjal b'informazzjoni falza għandha tkun ħatja ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti u meta tinstab ħatja għandha teħel penali amministrattiva ta' mhux inqas minn mija u ħamsin euro (€150) u mhux aktar minn tliet mitt euro (€300):

Iżda li l-penali amministrattiva m'għandhiex tkun inqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux aktar minn elfejn euro (€2,000), fejn il-ksur jiġi kommess:

(a) fil-prossimità immedjata ta’ bini skedat li jkun dikjarat bħala tali mill-awtorità kompetenti, monument pubbliku, mużew, post ta’ qima, sptar jew skola;

(b) fil-prossimità immedjata ta’ Sit ta’ Wirt Dinji dikjarat bħala tali mill-UNESCO jew ta’ żona ta’ konservazzjoni urbana dikjarata mill-awtorità kompetenti;

(ċ) fil-prossimità immedjata ta’ Riserva Naturali, Park Storiku, Park Nazzjonali, ġnien pubbliku, jew bandli;

(d) fil-prossimità immedjata ta’ bajja pubblika jew promenade; jew

(e) fil-prossimità ta’ kwalunkwe sit, żona, post jew spazju miftuħ ieħor kif il-Ministru jista’ jistabbilixxi minn żmien għal żmien:

(5) Kwalunkwe azzjonijiet li l-Awtorità tieħu taħt dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni kriminali jew ċivili li l-Awtorità jista’ jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Xogħlijiet ta’ restawr u garanzija bankarja.

**10.** (1) Sabiex jiġi aċċertat li t-triq tiġi restawrata kif suppost, qabel il-ħruġ tal-avviż ta’ bidu, il-klijent għandu jiddepożita fil-bini tal-Awtorità garanzija bankarja favur l-Awtorità, li l-ammont tagħha għandu jiġi determinat skont id-dispożizzjonijiet tal-Ħames Skeda:

Iżda li l-ammont minimu għall-garanzija bankarja għandu jkun dak ta’ mitejn u ħamsin euro (€250):

Iżda wkoll li fejn il-klijent jonqos milli jwettaq jew itemm ix-xogħlijiet ta’ restawr f’tali perjodu kif l-Awtorità jista’ jidhrilha xieraq meta jiġi kkunsidrat il-livell ta’ finitura magħżul mill-klijent, dawk ix-xogħlijiet jistgħu jiġu mitmuma mill-Awtorità jew mill-Gvern, jew minn aġent awtorizzat li jkun ġie debitament awtorizzat mill-Awtorità. Fuq ordni ta’ l-Awtorità l-ispejjeż ta’dawk ix-xogħlijiet, kif ċertifikati mill-perit tal-entità aggravata, għandhom jiġu koperti parzjalment jew fl-intier tagħhom mill-garanzija bankarja.

(2) Ir-rilaxx tal-garanzija bankarja għandu jiġi affettwat fi żmien tliet (3) xhur mid-data tan-notifika tat-tlestija mill-Perit tal-klijent sakemm ma jkunx hemm pretensjonijiet għat-tiswijiet tat-triq.

Ċertifikat ta’ żvilupp.

**11.** L-Awtorità m’għandha toħroġ l-ebda clearance għax-xogħlijiet jew parti minnhom jekk ikun għad fadal xi bilanċ minn xi penalitajiet amministrattivi li jkunu għadhom dovuti lejn l-Awtorità minħabba ksur ta’ dawn ir-regolamenti. L-Awtorità tista’ ma tawtorizzax it-trasferiment ta’ klijent jew manager tas-sit kif spjegat fir-regolamenti 8(6) u (7) fejn ikun għad fadal bilanċ dovut lejha fir-rigward tas-sit.

L-EWWEL SKEDA
(Regolament 6)

Tnaqqis ta’ Inkonvjent lill-Ġirien

1. Tliet (3) ġimgħat qabel ma jibda kwalunkwe xogħol li jieħu aktar minn erba’ (4) ġimgħat sabiex jitlesta, il-klijent għandu jassigura li tiġi mtella’ tabella ta’ avviżi permanenti tal-qis A2 mal-ħajt li jikkonfina t-triq tas-sit, kif speċifikat hawn taħt, li fuqha għandu jiġi affissat u protett b’mod xieraq mill-elementi naturali n-numru tal-permess tal-iżvilupp, id-dettalji tal-klijent, tal-manager tas-sit, tal-Perit responsabbli u l-kuntrattur jew kuntratturi nkluż in-numru tat-telefon tagħhom. Mudell ta’ din it-tabella jista’ jitniżżel mis-sit elettroniku tal-Awtorità. Id-dettalji fuq it-tabella tal-avviż għandhom ikunu leġibbli mil-livell tat-triq bid-daqs minimu tat-tipa ta’ mitt (100) punt. L-istess tabella tal-avviż għandha tinżamm f’kondizzjoni tajba il-ħin kollu sakemm ix-xogħlijiet fuq is-sit jiġu kompluti jew sa dak il-perjodu li l-Awtorità jidhrilha xieraq. Tali tabella għandha wkoll tinkludi fiha: Notifika.

(a) id-data tal-bidu tax-xogħlijiet; u

(b) in-numru tal-kuntatt.

Fejn is-sit ikun akbar minn elf (1,000) metru kwadru, jew ikollu faċċata ma’ xi triq jew toroq ta’ aktar minn ħamsa u għoxrin (25) metru, dik l-informazzjoni għandha tiġi murija fuq tabella ta’ avviżi li għandha tkun minn tal-inqas wieħed punt ħamsa (1.5) metri b’tnejn punt ħamsa (2.5) metri, u għandha tinkludi wkoll d-dati tat-tmien tal-istadji prinċipali tal-proġett. Din it-tabella ta’ avviżi għandha titwaħħal b’tali mod li ma tkunx ta’ ostakolu jew tfixkel is-sigurtà u l-fluss mexxej tat-traffiku u l-pubbliku in ġenerali. Aktar minn hekk, għandhom jinżammu fuq is-sit, kopja tal-permess tal-iżvilupp u ta’ kull tiġdid tiegħu, meta dan ikun japplika, flimkien ma’ kopji ta’ kull pjanta u elevazzjoni approvata, u għandhom ikunu disponibbli għal spezzjoni f’kull ħin raġonevoli.

<table>
<tr><td colspan="4">Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni.<br>Mudell tat-Tabella tal-Avviż /Tabella kif stipulat fil-partita 1 tal-Ewwel Skeda</td></tr>
<tr><td colspan="4"></td></tr>
<tr><td>Deskrizzjoni tal-Iżvilupp</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>Numru tal-Permess</td><td></td><td>Data ta’ bidu tax-Xogħlijiet</td><td></td></tr>
<tr><td colspan="4"></td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Isem tal-Manager tas-Sit | | Numru tal-Kuntatt dispost 24 siegħa | |
| | | | |
| Il-Kuntrattur Prinċipali | | | |
| Kuntratturi Oħrajn: | *Isem it-tieni Kuntrattur* | *Isem it-tielet kuntrattur* | *Isem ir-raba' kuntrattur* |
| | | | |
| PERIT/Kumpanija tal-Periti<br>*Indirizz u dettalji tal-kuntatt* | Klijent<br>*Indirizz u dettalji tal-kuntatt* | Uffiċjal mill-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-xogħol<br>*Dettalji tal-Kuntatt* | |
| | | | |
| F'każ ta' diffikulta ġentilment mitlub tikkuntatja lill-Kunsill Lokali fuq in-numru tat-telefon: | | | |

Tqattiegħ ta' ġebel.

2. Tqattiegħ ta' ġebel u bricks jista' jitħalla jsir fuq is-sit:

Iżda:

(a) kull makkinarju u għodda mhux imniżżla fit-Tmien Skeda għandhom ikunu mgħammra b'sistemi ta' estrazzjoni u rkupru ta' trab, sabiex tiżgura li t-trab ma jinfirix f'żoni pubbliċi u proprjetà ta' terzi; flimkien ma' xi waħda (1) mid-dispożizzjonijiet fil-paragrafi (b) jew (ċ);

(b) kif jissaqqaf l-ewwel sular ta' l-istruttura, kull tqattigħ mekkaniku ta' ġebel u bricks għandu jsir ġol-bini u l-aperturi esterni kollha għandhom jingħalqu b'materjal impermeabbli;

(ċ) it-tqattigħ ta' ġebel u bricks għandu jsir ġewwa struttura temporanja magħluqa impermeabbli mibnija fis-sit ta' kostruzzjoni.

Ġarr u depożitu ta' materjal tal-bini laxk.

3. Materjal tal-bini sfuż bħal ramel, siment, laqx u xaħx għandu jiġi trasportat, depożitat u maħżun fis-sit ġo kontenituri riġidi b'għotjien adegwati jew kontenituri flessibli imma sodi li jistgħu jingħalqu b'mod xieraq, liema materjal għandu jiflaħ l-piż tal-kontenut, dan biex jiżgura l-għeluq totali ta' dawk il-materjali f'kull ħin u li għandhom jinżammu magħluqa meta ma jkunx qed jintużaw.

Ostakolazzjoni tal-bankina.

4. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġi oħra, l-ebda materjal tal-bini, skart, makkinarju jew tagħmir m'għandu jitħalla jostakola l-bankina jew il-fluss mexxej tat-traffiku fil-viċinanza tas-sit fejn ikunu għaddejjin jew ikunu tlestew ix-xogħlijiet. Depożitu ta' materjali tal-bini għal skopijiet ta' ħatt jew tagħbija u tqegħid ta'

tagħmir fit-triq quddiem l-faċċati tas-sit għandu jkun awtorizzat mill-Kunsill Lokali responsabbli.

Periklu għat-traffiku tal-vetturi. L.S. 424.36.

5. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġi oħra u flimkien mar-rekwiżiti mnissla mir-Regolamenti dwar il-Post tax-Xoghol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), meta jinħoloq periklu għal traffiku tal-vetturi ġo triq pubblika bix-xogħol ġo jew assoċjati ma', xogħlijiet ta' kostruzzjoni, għandha tkun provduta waħda (1) minn dawn li ġejjin biex tidderieġi t-traffiku, li tista' tkun ikkunsidrata adatta u approvata mil-Kunsill Lokali responsabbli, u fejn applikabli mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta:

(a) wieħed (1) jew aktar uffiċjali tal-infurzar;

(b) sinjali ta' twissija;

(ċ) barrikati;

(d) mezzi ta' kontroll ta' karreġati; u, jew

(e) dwal iteptep jew flares impoġġija f'distanza addatata mill-periklu.

Meta ma jintlaħaqx ftehim bejn l-Kunsill Lokali rispettiv u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, id-deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti għandha tipprevali.

Aktar minn hekk, għandhom ikunu permissibli biss sinjali skont ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata. L.S. 65.05.

Miżuri għat-tindif tas-sit.

6. Is-segwenti faċilitajiet u miżuri adegwati għandhom jittieħdu sabiex jiżguraw li s-sit u l-prossimità immedjata tiegħu jinżammu ndaf:

(a) kwalunkwe skart jew debris għandu jinżamm fuq is-sit u jintrema ġo reċipjenti magħluqa ta' l-iskart sabiex jiġi evitat li dawn jinfirxu barra mis-sit għal ġo kwalunkwe żona pubblika bir-riħ, xita jew xi movimenti oħra relatati mal-proċess tax-xogħlijiet;

(b) ix-xogħlijiet m'għandhom joħolqu l-ebda rimi ta' prodotti tat-tindif, żebgħa, żjut, materjal ieħor li jniġġeż, jew skart perikoluż fis-siti pubbliċi jew fis-sistemi ta' drenaġġ jew fil-baħar;

(ċ) tindif immedjat ta' materjal relatat max-xogħlijiet li seta' waqa jew tniġġiż;

(d) knis, ħasil jew tneħħija bil-vacuum ta' trab mit-triq;

(e) pits fejn isir il-ħasil, miksers tal-konkos jew tjun u

postijiet li jżommu l-kimika għandhom jiġu lokalizzati 'l bogħod minn sistemi ta' drenaġġ u kanali tal-ilma jew proprjetà ta' terzi; u

(f) qabel kwalunkwe moviment ta' vetturi mis-sit ta' kostruzzjoni għal fuq kwalunkwe żona pubblika, dawn għandu jkollhom ir-roti maħsulin minn kull ħmieġ, trab jew xi materjal ieħor li jista' jinġarr fuq żona pubblika u jaqa' fuqha.

Kontroll ta' firien.

7. Għandhom jittieħdu il-miżuri kollha neċessarji sabiex ikun hemm qerda u sussegwentement kontroll ta' firien fis-siti għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti. Għandhom jittieħdu il-miżuri minimi li ġejjin:

(a) prevenzjoni ta' kwalunkwe rimi ta' drenaġġ u, jew kwalunkwe imblokk għall-aċċess tal-main tad-drenaġġ;

(b) sabiex ma jkunx hemm infestazzjoni ta' firien, l-iskart organiku għandu jiġi mormi immedjatament; u

(ċ) għandhom jiġu installati nasses jew jitqiegħed velenu tal-ġrieden fis-sit u fl-imħażen, kif ukoll fit-tappieri, fejn dan ikun japplika.

## IT-TIENI SKEDA
(Regolamenti 6 u 9)

Stekkat għal bini ta' inqas minn seba' (7) metri għoli.

1. Għal kwalunkwe bini li ma jeċċedix is-seba' metri (7m) għoli mil-livell tat-triq, għandu jkun mandatorju li jitella stekkat magħmul minn materjal riġidu xieraq li huwa maqtugħ u indipendenti mill-binja nnifisha sa għoli ta' tliet (3) metri. L-istekkat għandu jiġi disinjat b'manjiera li jagħlaq is-sit u jipproteġi ż-żoni adjaċenti mill-ħruġ ta' trab u minn materjali li jistgħu jaqgħu mis-sit.

Stekkat għal bini li hu aktar minn seba' (7) metri għoli.

2. Għal kwalunkwe bini li jeċċedi is-seba' (7) metri għoli mil-livell tat-triq, għandu jkun mandatarju li jitella' stekkat magħmul minn materjal riġidu xieraq sat-tul l-għoli kollu tal-bini. Fin-nuqqas ta' kodiċi ta' prattika nazzjonali approvat mill-awtorità kompetenti, tali stekkat għandu jkun iddisjant b'manjiera li jagħlaq is-sit kompletament u jipproteġi ż-żoni adjaċenti mill-ħruġ ta' trab u minn materjali li jistgħu jaqgħu mis-sit:

Iżda għal bini li jilħaq jew jeċċedi l-ħamsa u għoxrin (25) metru, bħala alternattiva għal stekkat tul l-għoli kollu, jista' jintuża stekkat li jilħaq sa ħamsa u għoxrin (25) metru u minn ħamsa u għoxrin (25) metru 'il fuq kull tieqa jew ftuħ ta' bieb ta' gallarija għandhom ikunu barrikati sabiex jipprevenu l-ħruġ tat-trab. Għal siti irtirati mit-triq, semi-detached jew detached, tali stekkat għandu jagħlaq is-sit kollu.

Bħala minimu, l-istekkat għandu jitella' b'manjiera li jiġi żgurat li dan jestendi minn ta' l-inqas metru 'l fuq mill-ogħla sular fis-sit, meta mkejjel fil-pjan vertikali.

Fejn tkun ser issir attività ta' twaqqiegħ l-istekkat għandu jinbena minn qabel tul il-bini kollu jew skont dak li l-awtorità kompetenti jidhrilha xieraq sabiex tiżgura li jkun hemm sigurtà għall-pubbliku u l-inqas inkonvenjent għall-ġirien. L-istrutturi bl-istekkat għandhom ikunu wkoll provduta b'ammont adegwat ta' interlocking waste chutes li jwasslu materjal ta' skart minn xi livell fl-istruttura għall-eqreb post viċin ir-reċipjenti ta' l-iskart mingħajr ma tinħoloq l-ebda inkonvenjenza jew periklu għal xi persuna jew proprjetà ta' terzi.

Aktar minn hekk, ix-chutes għandhom:

(a) jingħalqu fejn ikunu inklinati f'angolu orizzontali ta' aktar minn ħamsa u erbgħin (45) gradi; u

(b) jinżammu magħluqin jew mgħottijin meta ma jkunux qegħdin jintużaw.

3. L-istekkat għandu jinbena mill-injam jew qafas tal-metall u għandu jitgħatta b'mesh jew b'materjal adegwat li ma jinħoloq l-ebda impatt visiv tax-xogħol li jkun għaddej fis-sit. Aktar minn hekk: Stekkat.

(a) kull stekkat għandu jifforma barriera kontra l-ħruġ ta' trab u debris mis-sit għall-ambjent tal-madwar;

(b) l-istekkat għandu jiġi ddisinjat b'mod li jkun jiflaħ għal qawwa ta' riefnu (Forza 8 u aktar) b'xi rbit skont kif neċessarju sabiex jiġi evitat li dan jinqaleb u jiżgura stabbiltà. Madankollu l-istekkat li jmiss ma' skavar għandu jkun iddisinjat li jiflaħ għal kwalunkwe impatt estern;

(ċ) stekkat u barrikati għandhom jinżammu f'kondizzjoni tajba sabiex dawn jissodisfaw l-għan tagħhom;

(d) kull xogħlijiet għandhom isiru 'il ġewwa mill-istekkat; u

(e) jista' ikun permissibbli t-twaħħil ta' reklami ma' l-istekkat soġġett għar-regolamenti u l-liġijiet li jirregolaw ir-reklami.

4. Xogħlijiet li jestendu 'l barra, jew jaffetwaw il-perimetru ta' madwar s-sit m'għandhomx jibdew sakemm ma tinħoloqx mogħdija koperta skont id-dispożizzjonijiet tal-partita 5, sabiex tipproteġi l-pubbliku, ħlief meta: Xogħlijiet li jestendu jew jaffettwaw il-perimetru ta' madwar is-siti.

(a) ix-xogħol u l-makkinarju anċillari jkun qed isir ġo post magħluq; u

(b) ix-xogħol u l-makkinarju anċillari jkunu f'distanza ta' żewġ (2) metri jew aktar 'il bogħod mill-passaġġ pubbliku li jintuza min-nies li jgħaddu bil-mixi.

Mogħdijiet koperti.

5. Mogħdija koperta għandha:

(a) jkollha għoli ta’ mhux inqas minn tnejn punt żewġ (2.2) metri;

(b) jkollha wisa’ ta’ mhux anqas minn wieħed punt żewġ (1.2) metri jew il-wisa’ tal-passaġġ pubbliku, skond liema minnhom ikun l-inqas, imma li jkun biżżejjed li jassigura aċċessibilità għal pushchairs u nies b’diżabbilità. Għandhom ukoll jiġu ffurmati rampi xierqa għal aċċess bil-wheelchair, fejn dan ikun japplika, sabiex titranġa kwalunkwe differenza fil-livelli b’telgħa mhux wieqfa aktar minn tmienja punt ħamsa fil-mija (8.5%);

(ċ) tinkludi sinjali adegwati aċċettabli għall-Awtorità jew l-awtorità maħtura tagħha u dwal li jipprovdu illuminazzjoni ekwivalenti tad-dawl prevalenti tat-triq, kemm għall-attenzjoni tan-nies li jgħaddu bil-mixi u tas-sewwieqa. Dawn id-dwal u sinjali għandhom jiġbdu l-attenzjoni tas-sewwieqa u jiddiriġuhom madwar xi ostakolu filwaqt li jindikaw rotot ta’ dħul u ħruġ alternattivi għan-nies li jgħaddu bil-mixi, kif ukoll jipprovdu dawl adegwat sabiex dawn ikunu jistgħu jgħaddu mill-passaġġ;

(d) jkollha art ma tiżloqx u b’wiċċ livellat skont standards nazzjonali;

(e) tkun mibnija u ddisinjata sabiex tiflaħ kull piż li jista’ ikun raġonevoli li jkun hemm, iżda fl-ebda ħin inqas minn tnejn punt erbgħa (2.4) kiloNewton kull metru kwadru fuq is-saqaf tagħha;

(f) jkollha saqaf li jiflaħ għall-elementi naturali li jaqleb għal ġewwa s-sit, jew jekk ikun ċatt, ikollu splash board ta’ mhux inqas minn mitejn (200) millimetru għoli fuq in-naħa tat-triq;

(g) tkun totalment magħluqa min-naħa tas-sit b’żona magħluqa b’wiċċ lixx li tħares lejn il-passaġġ pubbliku;

(h) jkollha poġġaman tal-metall jew injam metru għoli min-naħa tat-triq fejn il-mogħdija koperta tkun appoġġjata minn arbli fuq n-naħa tat-triq sabiex jilqgħu lil persuni għaddejjin minn ġo fiha bil-mixi;

(i) tkun imdawwla adekwatament bejn inżul u tlugħ ix-xemx bi dwal li jipprovdu illuminazzjoni ekwivalenti għad-dawl prevalenti tat-triq; u

(j) titħalla ħielsa minn kwalunkwe materjal jew oġġetti oħra li jistgħu jkunu ta’ ostakolu jew ifixklu l-aċċess liberu l-ħin kollu għall-persuni li jkunu għaddejjin bil-mixi.

6. Il-klijent għandu jtella' barrikati tal-injam jew metall jew bricks jew barrikati ta' materjal simili, mgħaqqad b'tajn bil-bażi ta' siment meta jkun qiegħed jagħlaq sit ta' skavar b'tali mod li jimblokka l-entratura u jipprevjeni l-aċċess lil persuni mhux awtorizzati u li:

Barrikati. *Sostitwit: A.L. 142 tal-2023.*

(a) il-barrikati għandhom jinbnew sabiex jifilħu għal kwalunkwe impatt estern u b'għoli ta' mhux inqas minn żewġ (2) metri bejn is-sit u l-passaġġ pubbliku jew sabiex jimblokkaw kompletament in-naħat miftuħa tas-sit ta' kostruzzjoni u dan sabiex jipproteġu l-pubbliku u l-propjetà mobbli jew immobbli ta' terzi;

(b) il-barrikati għandu jkollhom wiċċ lixx fin-naħat li jħarsu lejn il-passaġġ pubbliku u ma jkollhom l-ebda ftuħ, ħlief dawk meħtieġa għal aċċess awtorizzat;

(ċ) ftuħ għal aċċess fil-barrikati għandhom jinżammu magħluqa f'kull ħin b'xatbiet u magħluqa u msakkra b'xatbiet meta ma jkun hemm ħadd fuq is-sit, u għandhom jibqgħu jinżammu fil-post sat-tmiem tax-xogħlijiet għas-sodisfazzjon tal-Awtorità. Dawn ix-xatbiet għandhom ikunu ddiżinjati b'mod li jipprevjenu l-aċċess pubbliku, speċjalment għat-tfal;

(d) ix-xatbiet kollha għal aċċess fis-sit użati minn makkinarju għandu jkollhom dwal ta' twissija li jiġu mixgħula waqt id-dħul u l-ħruġ ta' tali makkinarju jew banksmen sabiex javżaw lis-sewwieqa jew lill-pubbliku ġenerali waqt il-passaġġ ta' makkinarju.

7. Il-klijent għandu jiżgura li jkun hemm passaġġ sigur quddiem is-sit. Meta x-xogħlijiet jeħtieġu ostakolar tal-bankina pedonali, u din tkun approvata mill-Kunsill Lokali, għandha tiġi provduta bankina pedonali temporanja li ma għandha tkun ostakolata fl-ebda ħin:

Passaġġ sigur quddiem is-sit. *Sostitwit: A.L. 142 tal-2023.*

Iżda f'każ fejn bankina pedonali temporanja ma tkunx tista' tiġi mibnija, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandha tipprovdi direzzjoni lill-klijent fuq kif għandu isir passaġġ sigur quddiem is-sit.

## IT-TIELET SKEDA
(Regolamenti 6 u 9)

Tnaqqis ta' Tniġġiż

1. Il-ħin permissibli sabiex isiru xogħlijiet li joħolqu ħsejjes li jistgħu jinstemgħu minn barra s-sit għandu jkun kif ġej:

Tnaqqis ta' inkonvenjent.

(a) ix-xogħlijiet m'għandhomx jibdew qabel is-sebgħa ta' filgħodu (7:00 am) u għandhom jieqfu fit-tmienja ta' filgħaxija (8:00 pm);

(b) m’għandux ikun permissibli li jiġi wżat:

(i) skavatur mekkaniku b’martell idrawliku; jew

(ii) drill pnewmatiku, qabel is-sebgħa u nofs ta’ filgħodu (7:30 am) u wara l-erbgħa ta’ wara nofsinhar (4:00 pm) u l-ġurnata kollha fil-Ħdud u l-festi publiċi.

(ċ) fil-perjodu ta’ bejn il-ħmistax (15) ta’ Ġunju u t-tletin (30) ta’ Settembru, xogħlijiet ta’ twaqqigħ jew skavar m’għandhomx ikunu permissibli f’żoni turistiċi, hekk kif jista’ jiġi stabbilit minn żmien għal żmien mill-awtorità kompetenti tat-turiżmu:

Iżda li, eżenzjonijiet minn dan il-paragrafu jistgħu jingħataw biss mill-awtorita responsabbli mit-turiżmu, sakemm ma jkunx hemm kwistjonijiet ta’ sigurta’, f’dan il-każ, l-Awtorità għandha tawtorizza biss dawk ix-xogħlijiet li jirrendu s-sit mingħajr periklu.

(d) l-ebda xogħlijiet ta’ kostruzzjoni m’għandhomx isiru fil-Ħdud u l-festi pubbliċi;

(e) f’każ ta’ emerġenzi x-xogħlijiet jistgħu jsiru fi kwalunkwe ħinijiet oħra għalkemm għandu jkun obbligatorju li l-Awtorità tkun informata fi żmien siegħa mill-ftuħ ta’ l-uffiċini tagħha;

(f) kull devjazzjoni minn xi dispożizzjoni tal-paragrafi (a), (b), (ċ), (d) u (e) għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni ta’ l-Awtorità u jistgħu jirrikjedu l-impożizzjoni ta’ kondizzjonijiet speċifiċi għal dawn ix-xogħlijiet. Eżenzjonijiet għal xogħlijiet f’żoni turistiċi għandhom jeħtieġu wkoll awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti responsabbli għat-turiżmu;

(g) il-kondizzjonijiet f’din il-partita m’għandhomx japplikaw meta xogħlijiet ikunu aktar minn kilometru ’l bogħod mill-eqreb żoni abitabbli.

Emissjoni ta’ trab.

2. L-ebda persuna m’għandha tagħmel kwalunkwe xogħlijiet mingħajr ma tieħu l-miżuri li ġejjin sabiex jikkontrollaw l-emissjoni tat-trab:

(a) sabiex tiġi limitata kwalunkwe generazzjoni ta’ trab, waqt ix-xogħlijiet għandu jiġi mferrex ilma u, jew stabilizzanti ta’ trab kimiku jew xi teknika oħra xierqa li tikkontrolla l-ħruġ ta’ trab mis-sit;

(b) kuljum, qabel jitlaq minn fuq s-sit, il-klijent għandu jnaddaf kwalunkwe tixrid relatat ma’ xogħol li seta’

waqa minħabba x-xogħol mill-passaġġ pubbliku quddiem s-sit;

(ċ) kuljum, qabel jitlaq minn fuq s-sit, il-klijent għandu jiżgura li jinkinsu jew jiġu mnaddfa bil-vacuum il-bankini, toroq u żoni pubbliċi sa għaxar (10) metri 'l bogħod minn kull naħa tas-sit; u

(d) għandu jiġi evitat li tinqix ta' żebgħa, fdal minn xkatlar, grit u trab jiġi f'kuntatt ma' ilma tax-xita u fejn jinġabar l-ilma.

3. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġi oħra, kwalunkwe persuna li tkun ser tixkatla, kemm jekk manwalment kemm b'xi makkinarju, għandha tiżgura li l-ħruġ ta' trab ikun kontrollat permezz ta' tagħmir fuq it-tagħmir mekkaniku kollu b'sistemi ta' estrazzjoni u rkupru ta' trab, flimkien ma': Xkatlar.

(a) għal żoni fuq barra, iż-żona kollha tax-xogħol għandha tingħalaq totalment b'materjal li jimblokka l-ħruġ ta' trab jew xi bċejjeċ oħra fl-ambjent tal-madwar;

(b) għal żona fuq ġewwa, l-aperturi esterni kollha għandhom jingħalqu b'materjal impermeabbli qabel ma jibda kwalunkwe xogħol ta' xkatlar sabiex jimblokka l-ħruġ ta' trab.

4. Invjar tal-kantun tal-bini m'għandux ikun permess li jsir fis-sit. Invjar tal-kantun.

5. Għandu jkun hemm faċilitajiet u jittieħdu miżuri adegwati sabiex jiġi żgurat li s-sit u l-prossimità immedjati tiegħu jinżammu nodfa f'kull ħin waqt ix-xogħlijiet. Miżura għat-tindif tas-sit.

IR-RABA' SKEDA
(Regolamenti 6 u 9)

Gwidi Tekniċi u Preparazzjoni tas-Sit

1. Il-livell ta' ħsejjes maħruġa minn kwalunkwe sit għandu: Tnaqqis fil-livelli ta' ħsejjes u vibrazzjonijiet.

(a) jirrispetta l-livelli hekk kif stabbiliti fir-Regolamenti dwar Bżonnijiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà għall-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn Riskji li jinqalgħu minn Espożizzjoni għall-Ħsejjes fuq il-Post tax-Xogħol, fi kwalunkwe punt meta mkejla minnufih barra s-sit b'metodi stabbiliti fl-istess regolamenti fir-rigward tal-livell ta' espożizzjoni għall-ħoss matul il-ġimgħa u l-livell ta' espożizzjoni għall-ħoss ta' kuljum. Kwalunkwe qies għandu jkun skont l-istandards kif approvati mill-awtorità responsabbli għall-ħruġ ta' tali standards. F'każ li standard approvat lokalment ma jkunx disponibbli, standard ekwivalenti għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti għandu japplika L.S. 424.28.

(b) in oltre, sabiex jitnaqqsu l-livelli ta’ ħsejjes u vibrazzjonijiet, kull tagħmir għandu jkun atrezzat b’sistema li tnaqqas l-ħsejjes u l-exhaust;

(ċ) għandhom jiġu evitati ħsejjes żejda bħal makkinarju storbjuż mixgħul għal xejn, għajjat, radjijiet b’volum għoli jew irrejżjar eċċessiv ta’ magni.

Saħħa u iġjene.

2. Il-klijent għandu jiżgura li d-dispożizzjonijiet għas-saħħa u iġjene li ġejjin jiġu milħuqa:

(a) Tneħħija ta’ materjal tal-iskart

It-tneħħija ta’ materjal tal-iskart għandha ssir b’mod ta’ rutina, malajr u b’mod effettiv, u għandu:

(i) jitwettaq b’manjiera li ma tikkawża l-ebda ħsara jew tixrid relatat ma’ xogħlijiet f’żoni pubbliċi jew propjetà ta’ terzi;

(ii) jitwettaq bl-użu ta’ reċipjenti li jingħalqu kompletament jew bl-użu ta’ skips miftuħin li jitgħattew b’mod sigur b’kanvas jew xi materjal ieħor li ma jħallix tixrid ta’ trab jew l-iskart li qed jiġi ġestit u ma jħallix kwalunkwe tixrid relatat ma’ xogħlijiet; u

(iii) jiġi mgħoddi minn xaft magħluq jew chute b’mod li jkun jikkonforma mal-partita 2 tat-Tieni Skeda.

Il-klijent għandu jiżgura li kull materjal ta’ skart jitneħħa kuljum mill-prossimità immedjata tas-sit sakemm il-manager tas-sit ma jipprovdix raġuni valida lill-Awtorità sabiex jiġġustifika estensjoni ta’ dan iż-żmien;

(b) Materjal perikoluż

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjonijiet fi kwalunkwe liġijiet oħra li jirregolaw materjal perikoluż, fejn materjal perikoluż ikun użat fis-sit:

(i) għandhom jittieħdu l-miżuri kollha sabiex kwalunkwe materjal perikoluż ikun maħżun u iżolat kif suppost sabiex ma ssir l-ebda kontaminazzjoni tas-sit jew tas-siti tal-madwar, kanali tal-ilma tax-xorb u tax-xita b’mod partikolari meta l-iskart perikoluż ikun jinħall fl-ilma jew jista’ isir volatili;

(ii) fejn ikun hemm materjal perikoluż maħżun fis-sit għandha titwaħħal mal-ħajt li jikkonfina t-triq ma’ ġenb it-tabella ta’ l-avviżi jew tabella skont l-Ewwel Skeda, tabella b’qjies A4 li twissi li hemm materjal perikoluż fis-sit;

(ċ) Sors ta’ tniggiż minn ilma tax-xita

Sabiex jiġi żgurat li s-sit ta’ kostruzzjoni ma jsirx sors ta’ tniġġiż minħabba xi nixxiegħa ta’ materjal li dan jiġġenera waqt ix-xogħlijiet, għandhom jittieħdu l-miżuri ta’ prevenzjoni minimi li ġejjin biex jittaffew ċirkostanzi bħal:

(i) kontaminazzjoni fit-triq b’ċamura li toħroġ ’l barra minn ġos-sit;

(ii) imblokka ta’ kwalunkwe drenaġġi tal-ilma tax-xita pubbliċi jew privati b’xi materjal li joħorġu mis-sit;

(iii) ħruġ ta’ skart perikoluż jew materjal mhux perikoluż għal ġol-baħar;

(iv) ħruġ ta’ materjal perikoluż fuq art permeabbli; u

(v) kwalunkwe forma oħra ta’ tniġġiż ikkawżata bi ħruġ ta’ ilma tax-xita ġenerat mis-sit.

Il-klijenti għandhom għaldaqstant ikunu obbligati sabiex jiżguraw li s-sit ikun mgħammar bil-fosos u pompi neċessarji tal-ġbir li tħalli kwalunkwe ilma li joħroġ mis-sit li jinġabar u jkun ippumpjat hemm, sabiex jiġi evitat kull ħruġ ta’ ilma ta’ skart relatat ma’ xogħlijiet f’żoni pubbliċi jew privati.

Dikostruzzjoni orjentata lejn ir-riċiklaġġ, xogħlijiet ta’ skavar kontrollat u standardizzazz-joni ta’ aperturi.

3.* (a) Kwalunkwe dikostruzzjoni jew xogħlijiet ta’ skavar li jsir fis-sit għandhom jiġu magħmula skont sezzjonijiet ħamsa (5), sebgħa (7) u tmienja (8) tal-istandard nazzjonali SM 810:2022 intitolat ‘Recycling-oriented Deconstruction, Controlled Excavation Works and Classification of Waste’ kif riprodott fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità.

(b) Kwalunkwe aperturi utilizzati f’post residenzjali, għandhom jiġu ddisinjati skont l-istandardizzazzjoni tad-dimensjonijiet tal-aperturi interni u esterni kif speċifikati fid-Dokument Tekniku intitolat ‘Standardisation of Apertures for Residential Buildings in Malta’ kif ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità.

*_Vide_ Avviż Legali 374 tal-2022.

IL-ĦAMES SKEDA
(Regolament 10)

Għall-finijiet tar-Regolament 10, il-garanzija bankarja għandha tkun maħduma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Għal xogħol li jikkonsisti minn żjieda ta' sular jew aktar li jkopri aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-impronta fuq il-żvilupp eżistenti | Tul tal-faċċata f'metri immultiplikat b'sitta u erbgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59). |
| Għal xogħol li jinkludi twaqqigħ u, jew skavar u sulari addizzjonali | Tul tal-faċċata f'metri b'żieda ta' għoxrin (20) metru mmultiplikat b'sitta u erbgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59). |

Fil-bidu ta' kull sena kalendarja, il-valur ta' sitta u erbgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59) f'din l-Iskeda għandu jiġi rivedut billi jiġi mmultiplikat il-fattur ekwivalenti għall-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut għal Diċembru tas-sena preċedenti diviż bl-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut ta' Diċembru 2007.

IS-SITT SKEDA
(Regolament 4)

| | | |
|---|---|---|
| 01 | Tip A għandu jirreferi għal | Kull xogħol ta' kostruzzjoni ta' bini daqs jew li jeċċedi l-kriterji li ġejjin: |
| | | a. bini, li għandu jew ser ikollu, impronta ta' aktar minn elf (1,000) metru kwadru; jew |
| | | b. għoli ta' tnax-il (12) metru, esklużi l-penthouse u l-kantina jew aktar meta mkejjel mill-aktar livell baxx tat-triq madwar x-xogħol ta' kostruzzjoni; jew |
| | | ċ. siti li għandhom skavi ta' aktar minn sitt (6) metri taħt il-livell tat-triq |
| 02 | Tip B għandu jirreferi għal | Kull xogħol ieħor. |
| 03 | Tip Ċ għandu jirreferi għal | Kull xogħlijiet oħrajn li ma jaqgħux taħt Tipi A u B. |
| 04 | Eżenzjonijiet | Kull xogħlijiet: |

| | | |
|---|---|---|
| | | a. li jinvolvu tqattigħ ta' trinek mhux aktar minn tliet (3) metri fondi u li jintużaw għal istallazjoni ta' infrastruttura relatati mal-provvista ta' ilma tax-xorb, servizzi tad-drenaġġ, ħruġ għal ilma tax-xita, enerġija elettrika u telekomunikazzjonijiet: |
| | | Iżda tali xogħlijiet ta' trinek jistgħu jsiru biss f'żoni turistiċi kif definiti mill-Ministeru responsabbli għat-turiżmu bejn il-ħmistax (15) ta' Ġunju u t-tletin (30) ta' Settembru, wara li jkunu ġew approvati mill-Ministeru responsabbli għat-turiżmu wara konsultazzjoni mar-rappreżentanti ta' l-istabbilimenti turistiċi fiż-żoni affettwati; u |
| | | b. li jkunu jaqgħu taħt kwalunkwe kategoriji oħrajn li minn żmien għal żmien jistgħu jiġu eżentati minn dawn ir-regolamenti skond kif ikun stabbilit mill-Ministru taħt din l-Iskeda. |

IS-SEBA' SKEDA
(Regolament 8)

BUILDING & CONSTRUCTION AUTHORITY

Tibdil tal-klijent jew manager tas-sit

| | |
|---|---|
| Numru ta' l-Applikazzjoni għal żvilupp PA<br>(meta dan japplika)<br>Deskrizzjoni tax-xogħol<br>Indirizz tas-Sit | __ __ __ __ __ __ __ / __ _ _ _ _ _ |

Klijent Kurrenti

Jien ....................................... niddikjara li mil-lum 'il quddiem m'għadnix il-klijent tas-sit hawn qabel deskritt u neżonora ruħi minn kwalunkwe responsabbiltà tal-ġestjoni ta' dan is-sit, skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta' Siti ta' Kostruzzjoni.

Firma ............................................... Data ...................................

KI Nru

...................................................

Manager tas-sit

Għall-finijiet tar-regolament 9(1) ........................................... qiegħed naħtar lil

bħala manager tas-sit

Firma tal-klijent kurrenti ......................... Data .........................

Firma tal-manager tas-sit .......................... Data .........................

Il-Klijent il-Ġdid

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li mil-lum 'il quddiem jien sirt il-klijent il-ġdid tas-sit tal-kostruzzjoni u qiegħed nerfa' r-responsabbiltajiet li jitolbu minni ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar tas-Siti ta' Kostruzzjoni

Firma tal-Klijent il-ġdid: ........................ Data ......................................

KI Nru .................................

JEKK JOGĦĠBOK AQRA IS-SEGWENTI KLAWSOLA QABEL MA TIFFIRMA

Klawsola dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-data

Skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586), ser nipproċessaw kwalunkwe informazzjoni personali u, jew informazzjoni sensittiva li tkun ġiet mgħoddija minn jew f'din l-applikazzjoni, talba jew formola ta' notifika mogħtija minnek, kemm verbalment jew bil-miktub, għal kull jew kwalunkwe mis-segwenti:

1. l-ipproċessar propju ta' l-applikazzjoni tiegħek, talba u, jew notifika kif ippreżentata;

2. li tipprevjeni, tifli u, jew tħarrek għal frodi u kwalunkwe attività kriminali oħra li l-Awtorità hija marbuta li tirrapporta u, jew taġixxi dwarha waqt li tilqa' kwalunkwe obbligazzjonijiet speċifiċi legali jew regolatorji;

3. li tistabbilixxi, teżerċita jew tiddefendi kwalunkwe azzjoni legali;

4. il-ġestjoni intern, riċerka, statistika u amministrazzjoni tas-sistema, l-iżvilupp u t-titjib tas-servizzi tagħna;

5. il-protezzjoni u r-reklamar ta' l-interessi leġittimi tagħna u l-imġieba tajba tad-dmirijiet tagħna skont kwalunkwe liġi jew strument statutorju; u

6. sabiex l-informazzjoni ssir aċċessibbli għall-pubbliku kif speċifikat fil-liġi relevanti u, jew regoli oħra.

Id-data neċessarja tkun tista' tiġi murija jew imferrxa kif ikun meħtieġ ma' l-impjegati kollha kif ukoll ma' terzi jekk tkun relevanti għal kwalunkwe skop kif elenkat hawn qabel.

Kull rekwiżit fil-formula hu mandatorju. Jekk ma timlix ir-rekwiżiti mandatorji, nirriżervaw id-dritt li nirrifjutaw l-applikazzjoni. Jekk xi rekwiżit ma jkunx japplika għaċ-ċirkostanzi partikolari tiegħek, jekk jogħġbok immarka dik il-kaxxa bl-ittri "N/A".

Inti għandek id-dritt li nipprovdulek aċċess għal data personali tiegħek kif ukoll id-dritt li tirranġa, jew, f'ċirkostanzi xierqa, tħassar kwalunkwe ineżatezza, data personali mhux kompluta jew mhux rilevanti li tkun qegħda tiġi pproċessata. Madankollu, inti trid tinformana minnufih b'kwalunkwe tibdil li għandu x'jaqsam ma' l-informazzjoni personali li nkunu qegħdin nipproċessaw.

Permezz tal-firma tiegħek, inti tkun qiegħed tagħti l-kunsens espliċitu, skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, għan-nom tiegħek u tal-persuni oħrajn kollha kif speċifikat f'din il-formola lill-Awtorità biex tipproċessa id-data personali tiegħek kif miktub hawn qabel u inti taqbel li ġibt għall-attenzjoni ta' dawn il-persuni oħra din n-notifika dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u ġibt il-kunsens tagħhom.

Aħna nwegħdu li nieħdu dawk il-miżuri u l-protezzjonijiet xierqa bil-għan li nipproteġu l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbilità ta' kull data proċessata.

IT-TMIEN SKEDA
(partita 2 tal-Ewwel Skeda)

Band Saw

*Sostitwit: A.L. 142 tal-2023.*

ID-DISA' SKEDA
(Parti IV - Infurzar)

| Ksur | Penali Amministrattiva Minima (€) | Penali Amministrattiva Massima (€) | Ksur Kontinwat (€ għal kull ġurnata) |
|---|---|---|---|
| Nuqqas tal-Bord tal-Avviżi jew informazzjoni nieqsa jew mhux kompluta | 150 | 150 | 10 |
| Tqattigħ ta' ġebel u bricks mhux kif awtorizzat | 500 | 1000 | |
| It-trasport, id-depożitu u l-ħażna tar-ramel tat-torba mhux kif awtorizzat | 250 | 1000 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ostakolar ta' bankini u l-fluss mexxej tat-traffiku fil-viċinanza tas-sit | 35 | 250 | 25 |
| Nuqqas ta' uffiċjali tal-infurzar u, jew il-ġestjoni tat-traffiku u, jew sinjali ta' twissija | 100 | 500 | |
| Tindif tas-sit u l-ambjent | 250 | 1000 | 25 |
| Saħħa u iġjene | 250 | 10,000 | |
| Stekkat inadegwat | 250 | 1000 | 25 |
| Nuqqas ta' għeluq u, jew makkinarju viċin wisq ta' passaġġ pubbliku | 250 | 1000 | 25 |
| Mogħdijiet koperti ħażin | 250 | 2500 | 25 |
| Barrikati mhux imwaqqfa kif suppost | 500 | 2500 | 25 |
| Demolizzjoni u skavar mhux awtorizzat bejn il-ħmistax (15) ta' Ġunju u t-tletin (30) ta' Settembru | 2500 | 5000 | 500 |
| Xogħlijiet mhux awtorizzati fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi u xogħlijiet barra mill-ħinijiet permissibbli | 500 | 2500 | |
| Użu ta' skavatur mekkaniku u, jew drill pnewmatiku barra mill-ħin permissibbli | 250 | 1000 | |
| Miżuri mhux xierqa sabiex tiġi kontrollata l-emissjoni tat-trab | 250 | 1000 | |
| Invjar tal-kantun li jsir fis-sit | 250 | 1000 | |
| Ħsejjes eċċessivi u, jew mhux neċessarji | 250 | 1500 | |
| L-ebda passaġġ sigur quddiem is-sit | 250 | 1000 | 25 |
| Kwalunkwe ksur iehor tal-obbligazzjonijiet skont l-Ewwel Skeda, it-Tieni, it-Tielet jew ir-Raba' Skeda mhux elenkati f'din l-Iskeda | 35 | 5000 | |